Nru. 18,265
Prezz/Price
€0.19 (Lm0.08)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, 2008
Friday, 13th June, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 528

ATT DWAR IR-RATIFIKA TA' PATTIJIET BEJN MALTA U L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA FUQ L-IMBARKAZZJONI TA' BASTIMENTI (KAP. 493)

Avviż ta' bidu fis-seħħ tal-Pattijiet dwar Armi ta' Qirda Massiċċa u dwar il-Mediċini

BIS-SAĦĦA ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar ir-Ratifika ta' Pattijiet bejn Malta u l-Istati Uniti ta' l-Amerika fuq l-Imbarkazzjoni ta' Bastimenti, il-Prim Ministru stabbilixxa li l-Patt dwar Armi ta' Qirda Massiċċa u l-Patt dwar il-Mediċini, għandhom ikollhom is-saħħa ta' liġi f'Malta b'seħħ mid-19 ta' Diċembru, 2007.

It-13 ta' Ġunju, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 528

MALTA-USA SHIP-BOARDING AGREEMENTS (RATIFICATION) ACT (CAP. 493)

Notice of coming into force of the WMD and the Drugs Agreements

BY VIRTUE of article 4 of the Malta-USA Ship-Boarding Agreements (Ratification) Act, the Prime Minister has established that the WMD Agreement and the Drugs Agreement have force of law in Malta as from the 19th December, 2007.

13th June, 2008

Nru. 529

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Francis Bajada	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	15–19.06.2008

It-13 ta' Ġunju, 2008

No. 529

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, the Economy and Investment, has approved the following acting appointment:–

13th June, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 54

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jipparkjaw fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Is-Siġġiewi

Nhar is-Sibt, il-21 ta' Ġunju 2008 mis-7.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza San Nikola.

Nhar il-Ħadd, it-22 ta' Ġunju 2008 mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza San Nikola.

Nhar it-Tnejn, it-23 ta' Ġunju 2008 mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza San Nikola.

Nhar l-Erbgħa, il-25 ta' Ġunju 2008 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Qrendi, Ta' Kirċippu, in-Nirien, K. Vassallo, Salvu Curso, Hompesch, Mons. M. Azzopardi, il-Għid, Santa Margerita, Ramija, iż-Żabbarija, P. Mallia, San Nikola u Pjazza San Nikola.

Nhar il-Ħamis, is-26 ta' Ġunju 2008 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Qrendi, Santa Margerita, San Nikola u Pjazza San Nikola.

Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju 2008 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Nikola, il-Kbira, San Nikola, Ta' Brija, Santa Margerita, Misraħ San Ġwann, il-Parroċċa, San Ġwann, Mons. Mikiel Azzopardi, il-Ħsad, il-Muża, Ferdinand Hompesch, il-Għid, Ramija, il-Knisja l-Qadima, Lapsi, ir-Rebbiegħa, Fawwara, id-Demnuq, l-Imwieġel, is-6 ta' Diċembru, Patri Delia, L. Gafà, N. Pisani, San Ġakbu, il-Mitħna, Blat il-Qamar, Dott. N. Zammit, Ħal Niklusi u l-Qrendi.

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Ġunju 2008 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Santa Margerita, San Nikola, Pjazza San Nikola, Ġużeppi Aquilina, il-Vittmi tal-Gwerra, il-Qrendi, San Ġakbu u l-Qajjied.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Ġunju 2008 mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Nikola, Pjazza San Nikola, il-Kbira, Santa Margerita, Ta' Brija, il-Kbira u l-Qrendi.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Ġunju 2008 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Santa Margerita, San Nikola, Pjazza San Nikola, il-Mitħna, il-Parroċċa, Blat il-Qamar, il-Qrendi, Sqaq Qajjied u l-Kbira.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż huma soġġetti li jiġu rmunkati.

It-13 ta' Ġunju, 2008

POLICE NOTICE

No. 54

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Siġġiewi

On Saturday, 21st June 2008 from 7.00 p.m. onwards through Pjazza San Nikola.

On Sunday, 22nd June 2008 from 6.00 p.m. onwards through Pjazza San Nikola.

On Monday, 23rd June 2008 from 6.00 p.m. onwards through Pjazza San Nikola.

On Wednesday, 25th June 2008 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: il-Qrendi, Ta' Kirċippu, in-Nirien, K. Vassallo, Salvu Curso, Hompesch, Mons. M. Azzopardi, il-Għid, Santa Margerita, Ramija, iż-Żabbarija, P. Mallia, San Nikola and Pjazza San Nikola.

On Thursday, 26th June 2008 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: il-Qrendi, Santa Margerita, San Nikola and Pjazza San Nikola.

On Friday, 27th June 2008 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza San Nikola, il-Kbira, San Nikola, Ta' Brija, Santa Margerita, Misraħ San Ġwann, il-Parroċċa, San Ġwann, Mons. Mikiel Azzopardi, il-Ħsad, il-Muża, Ferdinand Hompesch, il-Għid, Ramija, il-Knisja l-Qadima, Lapsi, ir-Rebbiegħa, Fawwara, id-Demnuq, l-Imwieġel, is-6 ta' Diċembru, Patri Delia, L. Gafà, N. Pisani, San Ġakbu, il-Mitħna, Blat il-Qamar, Dott. N. Zammit, Ħal Niklusi and il-Qrendi.

On Saturday, 28th June, 2008, from 6.00 p.m.onwards through the following streets: Santa Margerita, San Nikola, Pjazza San Nikola, Ġużeppi Aquilina, il-Vittmi tal-Gwerra, il-Qrendi, San Ġakbu and il-Qajjied.

On Sunday, 29th June, 2008, from 8.00 a.m.onwards through the following streets: San Nikola, Pjazza San Nikola, il-Kbira, Santa Margerita, Ta' Brija, il-Kbira and il-Qrendi.

On Sunday, 29th June, 2008, from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Santa Margerita, San Nikola, Pjazza San Nikola, il-Mitħna, il-Parroċċa, Blat il-Qamar, il-Qrendi, Sqaq Qajjied and il-Kbira.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

13th June, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

924

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Frar 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 251/08, fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Joseph Camilleri (ID 533455M), f'ismu personali u kif ukoll bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Cool Operators Ltd (C 18007), ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Joseph Camilleri, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 21 ta' Jannar 2008

Lil Joseph Camilleri (ID 533455M), f'ismek personali u kif ukoll bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Cool Operators Ltd (C 18007).

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jinterpellak ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-Att XII ta' l-1994, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att tħallas l-ammont ta' sitt mija u għaxart elef, erba' mija u tmienja u għoxrin Ewro €610,428 (Lm 262,056.74ċ) rappreżentanti ammont minnek dovut pro et noe, bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skond l-imsemmi Att XII ta' l-1994.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax ulterjuri, sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kontra tiegħek permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li ser jgħaddi biex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandhu fil-konfront tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Mittenti: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notifika Intimat: 1) 165/5, Triq it-Torri, Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Ġunju 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 11th February 2008, in the records of the judicial letter number 251/08, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Joseph Camilleri (ID 533455M), in his own name as well as Director in the name and in representation of the company Cool Operators Ltd (C 18007), ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Joseph Camilleri, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 21st January 2008.

To Joseph Camilleri (ID 533455M) in his own name as well as Director in the name and in representation of the company Cool Operators Ltd (C 18007).

By the present, the Commissioner for Value Added Tax, calls upon you in terms of Article 59 of Act XII of 1994,so that within two (2) days from the service of this act you pay the amount of six hundred and ten thousand, four hundred and twenty eight Euro €619,428 (Lm262,056.74c) representing amount due by you pro et noe, as Value Added Tax, according to the said Act XII of 1994.

With costs and further interest, till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of Law and particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax, has against you by means of the Notice sent to you.

In case you fail, the applicant notifies you that he will continue to carry out the said executive title which he has as regards your case through opportune mandates.

So much so that you may know how to regulate yourself.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notify Respondent: 1) 165/5, Tower Road, Sliema.

Registry of the Superior Courts, today 12th June 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

925

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Lulju 2008, fl-atti tal-ittra uffiċċjali numru 1168/08, fl-ismijiet Gabriel Pellegrini et vs Margaret Rossignaud et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konjugi Margaret u Norman Rossignaud u Vivienne Pace, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 24 ta' April 2008.

Lil Margaret Rossignaud u żewġha Norman Rossignaud bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u għal kull interess li jista' jkollu u Vivienne Pace.

Bil-preżenti ittra uffiċjali Gabriel u Myriam Pellegrini filwaqt li jagħmlu riferenza għall-ittra uffiċjali tal-31 ta' Mejju 1996, jerġgħu jinterpellawkom, jew min minnkom, sabiex tirritornawlhom l-għamara li intom ħriġtu li kienet tappartjeni lil missierhom u li kwindi, ai termini tat-testment tiegħu, illum tappartjeni lill-mittenti, werrieta tiegħu, u li tagħtuhom rendikont tal-amministrazzjoni tal-flus ta' missierkom, meta l-intimati Rossignaud kienu jgħixu f'daru għal xi żmien.

Fin-nuqqas, milli tottempraw ruħkom mal-preżenti, il-mittenti jkunu kostretti jipproċedu kontra tagħkom skond il-liġi.

Tant biex tgħarrfu timxu u tirregolaw ruhkom

Bl-ispejjeż.

Mittenti: 32, Cathedral Street, Sliema.

Intimati: Vivienne Pace, 72, Tignè Street, Sliema.
Margaret u Norman Rossignaud,
17, Creche Street, Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Ġunju 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 2nd July 2008, in the records of the judicial letter number 1168/08, in the names Gabriel Pellegrini et vs Margaret Rossignaud et, ordered the following publication for the purpose of service of the spouses Margaret and Norman Rossignaud and Vivienne Pace, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 24th April 2008.

To Margaret Rossignaud and her husband Norman Rossignaud as head of the community of acquests and for any interest he may have and Vivienne Pace.

By the present judicial letter Gabriel and Myriam Pellegrini whilst referring to the judicial letter of the 31st May 1996, call upon you once again or either of whom, so that you return to them the furniture which you brought out and which belonged to your father, and thus, in terms of his will, belongs to the interpellants, his heirs, and that you render an account of the administration of the money, belonging to your father,when the respondents Rossignaud, lived in his house for some time.

If you fail to abide by the present, the interpellants,shall be proceed against you according to law.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourselves.

With costs.

Interpellant: 32, Cathedral Street, Sliema.

Respondents: Vivienne Pace, 72, Tignè Street, Sliema.
Margaret and Norman Rossignaud,
17, Creche Street, Sliema.

Registry of the Superior Courts, today 12th June 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*